**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 96/07**
It-Tnejn 29 ta' April 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 96.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji; |
| 96.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti; |
| 96.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 96.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 96.5 | Rapporti; |
| 96.6 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 79/2019; |
| 96.7 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati; |
| 96.8 | Mozzjonijiet; |
| 96.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 96.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 96.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 94/2019 ta' 2 ta' April 2019 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 96.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku spjega li l-avukat tal-Kunsill kien infurmana li kien bgħat ittra lill-Perit Mintoff – Building & Design Consultants fejn qallu li l-Kunsill Lokali kien ser jtterminalu l-kuntratt. Żied jgħid is-Sindku Paul Farrugia li pero deher li ma kienx hemm rejazzjoni mingħand il-perit għax saħansitra kien bgħat ix-xogħol li kellu pendenti. Apparti dan qal is-Sindku li sadanittant konna ġejna nfurmati li l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet immultat lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien għaliex għalkemm avżat ukoll, il-Perit ma kienx bgħat xi dettalji mitluba dwar il-proġett ta' Kurunell Mas. Saret diskussjoni mill-Kunsill u ġie deċiż unanimament li l-multa titħallas pero din eventwalment tkun trid tinqata mill-kontijet ta' l-istess Perit Mintoff. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien għaddej ix-xogħol fi Triq Żejtun u servizzi qed isiru fuq iż-żewġ naħat. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**iv.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna mexxejna bl-Applikazzjoni tal-bus shelter għat-toroq Palma u Tarxien filwaqt li konna qed nistennew mill-kumpanija FACES. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**v.i** Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-bus shelter ta' MISRAH IS-SUQ twaħħal filwaqt li kien jonqos biss li jitpoġġa l-bank. Bus Shelter – Misraħ tas-Suq

**vi.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħat preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Ġnien Kurunell Mass kien inbeda x-xogħol Tender - Ameljorament ta' Ġnien

u bħalissa kienu waslu anke l-pots u x-xogħol kien miexi. Kurunell Mass

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-FACEBOOK nhar -il 15 ta' Mejju 2018 mingħand is-Sur Juan Carlos Farrugia. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat Dr Carm Mifsud Bonnici talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża iżda għal darb'oħra kien kellu jerġa jiddifferixxi għax kien ser ikun imsiefer. Kawża l-Qorti

**Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fi 6:05pm**

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proġett biex issir Triq l-Isqajjaq li dwaru kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis sfortunatament wara li kien sar co-ordinating meeting bħal donnu imbagħad waqaf kollox. Is-Sindku Paul Farrugia qal li għaldaqstant kien reġa talab meeting ieħor fejn kien hemm Perit gdid li ser jieħu ħsieb il-BoQ u jgħaddiha lill-Infrastructure Malta. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba għal tiswija tal-bandli b'Direct Order kienet għaddiet min-naħa ta' DLG filwaqt li kienet ukoll waslet il-konferma mingħand il-Ministru. Survey MCCAA – Direct Order

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijiet arloġġ tad-dawl fil-ġonna

**xi.i.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ċempel it-tifel tal-Brunżar li kien beda jaħdem fuq il-BUST fejn infurmah li kien jaf artist u jekk xtaqx li dan l-artist jkompli fejn kien ħalla missieru. Is-Sindku qal li kien ikkonfermalu filwaqt li l-Kunsill ukoll qabel unanimament. Żied jgħid ukoll li kienet waslet id-DNO mingħand il-PA bl-approvazzjoni dwar l-iżvilupp tas-sit in kwistjoni. Monument – Renzo Gauci

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Betta, kien tlesta u kien ser jitħallas il-kuntrattur. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

**xiii.i** Żied jispjega s-Sindku li Triq Sammat kienet inbdiet ukoll u kienu nqalgħu bankini u kienu ser jibdew jgħaddu s-servizzi.

**xiv.** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16 li konna ser nerġgħu nattivaw biex tinħareġ. Vakanza Skrivan Skala16

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar ir-rikjesta mingħand l-Arċipriet sabiex jagħmel użu mill-fondi tal-Developement Planning Fund (DPF) sabiex isir xogħol ta' restawr fuq iz-zuntier u l-pjazza, li dawn setgħu jutilizzaw biss sa 70% tal-fondi kollha disponibbli li bejn wieħed u ieħor jammontaw għal madwar €120,000. SKEMA UIF/DPF

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk kien ser iniedi ktieb dwar il-lokalitajiet membri fi ħdan ir-Reġjun nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2019 mis-7pm 'il-quddiem ġewwa l-AUM Bormla. Waqt din is-serata kien propost li kull lokalita' tippreżenta xi ħaġa letterarja dwar il-lokalita'. F'dan ir-rigward Tnedija tal-Ktieb – Reġjun Xlokk

is-Sindku qal li għal Ħal Tarxien kien ikkuntatja kemm lis-Sur Alfred Massa kif ukoll lis-Sur Joseph Farrugia pero sfortunatament ħadd minnhom ma setgħa jattendi.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mat-toroq li kienu ġew issuġġeriti li jsiru bit-tarmak kellha tizdied Triq il-Witja

Toroq ġodda bit-tarmak

- KARMNU,
- STA TEREZA
- MANWEL BUHAGIAR
- SANT'ANTNIN
- ALFIER DE MEDRAN (PARTI)
- BIRBIXKILLA (PARTI)
- 29 TA' MEJJU

**xvii.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill kollu li dawn it-toroq isiru mill-ġdid bit-tarmak u jekk ikun hemm bżonn anke jinbidlu s-servizzi.

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Infrastructure Malta kienet avviċinatu u nfurmatu li kienu qed jipproponu li jirranġaw l-area ta' wara l-iskola. Is-Sindku qal li għal darba tnejn tlieta kien infurmahom li dik l-area hija tal-privat pero jekk bħala Awtorita huma riedu jirranġaw l-area hu ma kienx ser iwaqqafhom.

Sit fejn l-iskola

**xviii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-Sindku li jekk Infrastructure Malta tixtieq li tirranġa s-sit il-Kunsill ma kienx ser iwaqqafha.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC ikun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas, konna rċevejna mingħand TM fejn dawn ma kienux isibu oġġezzjoni basta nibgħatulhom pjan dettaljat tal-kambjament propost flimkien mat-tabelli u sinjali u dan qabel ma jinbeda x-xogħol previst.

Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18:43pm.*

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand ir-residenti li joqgħodu Triq San Anard man-naħa tas-service road sabiex it-triq tiġi one way 'il fuq.

One Way – Triq San Anard

**xx.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill Lokali u bi qbil unanimu ġie deċiż li tali deċiżjoni tintbgħat ukoll għall-approvazzjoni ta' TM.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba għal rifuzjoni għal ħsara fuq il-vettura minħabba ħofra fi Triq Sorijiet.

Talba Rifużjoni – Triq is-Sorijiet

**xxi.i.** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill Lokali u unanimament kien hemm qbil li tali talba ma tiġix approvata u dan peress li mill-evidenza pprovduta mill-individwu stess dan ma setax għamel dik il-ħsara meta fir-ritratt stess

tidher li dik il-ħofra kienet għadha kemm ġiet ippeċjata.

**xxii.** Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet waslet proposta mingħand it-TCTC sabiex isiru l-korsijiet tal-IT - ROBOTICA NATION u CODING għal tfal ta' bejn 5 u 14 –il sena. Korsijiet tat-TCTC

**xxii.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dawn il-korisjiet isiru.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu mingħand it-TM:- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY – Blk 1, Flt. 3, Triq Kelinu Cachia – Talba sabiex titneħħa u dan għaliex is-sid biddel ir-residenza;
- RESERVED PARKING BAY – 12 Trejqa Vincent Battistino -

**xx.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u unanimament iddeċieda li titneħħa r-Reserved Parking Bay ta' Triq Kelinu Cachia filwaqt li qal li dik ta' Nru. 12, Trejqa Vincent Battistino hekk kif kien deċiż fil-laqgħat ta' qabel din ma setax isir hemmhekk għaliex m'hemmx skop għalih għaliex minn hemm ma jgħaddux karozzi u hemm il-pavimentar. Li setgħat issir fi triq biswiet li tiġi Triq Kelinu Cachia. Ġie deċiż li din it-talba tiġi mgħoddija lill-TM għar-rivalutazzjoni u għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**96.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**96.5 Rapporti**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**96.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.79/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**96.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**96.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**96.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15PM

Laqgħa oħra ser tinżamm nhar **l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2019 fil-5:30pm**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**<br>**Sindku** | **Sna. Antonella Galea**<br>**Seg. Eżek** |